**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Dicembru, 2018**

**Rikors nru: 480/17 AGV**

A
Vs
B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2017 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-29 ta' April, 2009 gewwa Pellworm, Germanja, liema zwieg gie registrat Malta bin-numru 627/2009.
2. Illi madwar disgha snin qabel iz-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal tewmin, Cu D li twieldu fit-3 ta' Jannar, 2000 u li fi ftit gimghat ohra jkunu maggorenni.
3. Illi l-partijiet iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni nhar il-15 ta' Gunju, 2015 fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri (kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni qed jigi anness u mmarkat Dokument A). Madanakollu, il-partijiet kienu ilhom de facto separati u jghixu ghal kollox separatament minn Jannar 2013.

4. Illi ai termini tal-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet irrinunzjaw irrevokabilment id-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin.
5. Illi ai termini tal-Artikolu 11 a tal-istess kuntratt ir-rikorrenti hallset is-somma ta' €30,000 bhala manteniment ghaz-zewg uliedha, liema hlas sar permezz ta' trasferiment tad-drittijiet taghha fuq id-dar matrimonjali.
6. Illi ai termini tal-Artikolu 11b tal-istess kuntratt ir-rikorrenti obbligat ruhha illi thallas 80% ta' spejjes relatati ma' sahha u edukazzjoni, liema hlasijiet dejjem saru puntwalment. Ir-ragel ukoll dejjem hallas sehemu ta' 20% fir-rigward.
7. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li l-partijiet ilhom aktar minn hames snin mifrudin, huma llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u l-partijiet addiritura minn Jannar 2013 ighixu gewwa residenza separati.
8. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1.Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat m'ghandux oggezzjoni ghad-divorzju.

Rat l-Artikolu 66 A u B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti rnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet

ilhom sseparati *de facto* ghal aktar minn erba' snin u kienu ukoll isseparaw legalment skond kuntratt datat 15 ta' Gunju, 2015 fl-atti tan-Nutar Dr. Liza Schembri.

Tikkonferma li m'ghadx hemm ic-cans ghar-rikonciljazzjoni.

Tikkonferma ukoll li dejjem hallset il-manteniment dovut skond il-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi r-rikorrenti pprovat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**
**Onor. Imhallef Anthony G Vella**

**Deputat Registratur**